# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001.**

**Numru 4**

**Citaz. Nru. 513/01GV**

**Master Wine Limited**

**vs**

**Super Master Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm4,961.50 (erbat elef, disa' mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti somma bilancjali dovuti lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija konsistenti f'xorb mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta gewwa s-Super Master Discount Store (*statement* dok. B);

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghad illi giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti;

Premess ukoll illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur ta' Artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti nomine qed jannetti ma dan l-att affidavit (dok. A) a tenur ta' l-istess artikoli tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,961.50 (erbat elef disa' mija wiehed u sittin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti ammont dovut lilha ghall-merkanzija konsistenti f'xorb mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra nterpellatorja tat-12 ta' Jannar, 2001, tal-mandat ta' qbid numru 848/01 AC u bl-imghax legali mit-18 ta' Jannar, 2001 data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Silvio Camilleri;:

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**